FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483

Telephone No. 21235523 e-mail: floriana.lc@gov.mt

**Mozzjonijiet – Laqgħa Nru 40 - 07**

Lis-Sindku, Vici-Sindku u Kunsillieri,
Dawn il-Mozzjonijiet waslu fl-uffiċju sad-data tal-għeluq skond Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7, u li ser jitressqu waqt il-Laqgħa Nru 40 - 07

**MOZZJONI NUMRU 1**

Qed jaslu numru konsiderevoli t' ilmenti m'għand ġenituri tat-tfal tal-iskola peress li fil-ħinijiet li suppost ma jgħaddux il-karozzi fi Triq San Tumas fil-parti fejn hemm l-iskola primarja, qed ikun hemm numru ta' vetturi pparkjati li jkunu jridu joħorġu minn din it-triq - li suppost tkun magħluqa - fil-ħin waqt li t-tfal ikunu jew deħlin jew ħerġin mill-iskola, u dan kull darba jkun ta' detriment għat-tfal, jiġifieri li qed jpoġġu fil-periklu ħajjet it-tfal.

Għalhekk qed titressaq din il-mozzjoni sabiex it-tabella li hemm bħalissa tinbidel għal dawn raġunjiet,:-

a) peress li għandha żball grammatikali fid-data cioe' 31th May – kif kienet imxandra f' xi midja soċjali, billi din tiġi ikkoreġuta bil-ħinijiet konkreti u akbar; u

b) sabiex fil-ħin indikat fuq l-istess tabella ma titħalla ebda vettura tgħaddi mit-triq, fejn jiġi ndikat ukoll li dan l-eżempju jridu jimxu miegħu wkoll il-vetturi li jkunu pparkjati fl-imsemmija triq waqt il-ħinijiet indikati fuq l-istess tabella sabiex il-vetturi kollha li jinzertaw li jkunu pparkjati hemm isegwu din ir-regola u b' hekk tiġi eliminata loop hole mill-istruttura preżenti.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

**MOZZJONI NUMRU 2**

Fuq is-sit elettroniku għandha tiġi ntrodotta paġna ġdida li tinkludi kitbiet minn dawk li jkunu għamlu xi kisbiet speċjali, starordinarji u/ jew uniċi, li mhux biss ikunu ġabu dan il-ġieħ lilhom infushom iżda wkoll anke taw isem lil-lokal, bħal kittieba, atturi, mużiċisti, inġiniera u oħrajn. Permezz t' hekk ulied il-Floriana jkollhom paġna tagħhom, jiktbu fuq kisbithom, fuq tfulithom u / jew ir-rabta tagħhom mal-lokal.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv